31999R0590

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 590/1999

tat-18 ta' Marzu 1999

li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1068/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tiegħu,

Billi, għal ċerti ismijiet innotifikati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, intalab tagħrif addizzjonali għalbiex jiżgura illi jħarsu l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament; billi t-tagħrif addizzjonali juri illi l-ismijiet iħarsu l-Artikoli msemmija; billi għandhom għalhekk jiġu rreġistrati u miżjuda fl-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 83/1999 [4];

Billi, wara l-adeżjoni ta' tliet Stati Membri ġodda, il-perjodu taż-żmien ta' sitt xhur maħsub fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 għandu jibda mid-data ta' l-adeżjoni; billi wħud mill-ismijiet innotifikati minn dawn l-Istati Membri jħarsu l-Artikoli 2 u 4 ta' dan ir-Regolament u għandhom għalhekk jiġu rreġistrati;

Billi l-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat Regolatorju dwar l-Indikazzjoni Ġeografiċi u l-Ismijiet ta' l-Oriġini,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness ma' dan ir-Regolament huma hawnhekk miżjuda fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni

Franza FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 208, ta' l-24. 7. 1992, p. 1.
[2] ĠU L 156, tat-13. 6. 1997, p. 10.
[3] ĠU L 148, tal-21. 6. 1996, p. 1.
[4] ĠU L 8, ta' l-14. 1. 1999, p. 17.

ANNESS

A. **IL-PRODOTTI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM ELENKATI FL-ANNESS II MAT-TRATTAT**

Il-Laħam frisk (u l-ġewwieni)

L-ITALJA

— Cotechino Modena (IĠP)

— Zampone Modena (IĠP)

Il-Frott, il-ħaxix ta' l-ikel u ċ-ċereali

IL-ĠERMANJA

— Spreewälder Gurken (IĠP)

— Spreewälder Meerrettich (IĠP)